# L-Avvenimenti kollha li wasslu għall-Jum Glorjuż tad-29 t'Awissu 1967: Jum l-Għoti tal-Ġieħ tal-Bażilika!



Nhar id-29 t'Awissu 2007, il-qanpiena l-kbira tal-Knisja Parrokkjali tagħna ser tħabbar l-**40 anniversarju** minn meta l-istess Kolleġġjata Insinji ġiet mgħollija għad-dinjita' ta' Bażilika. Kien hemm bosta ġrajjiet li wasslu għal dan il-jum. F'dan l-artiklu, ser nagħtu ħarsa lejn dawn l-avvenimenti storiċi.

Nhar il-31 ta' Mejju 1958, xi ħadd mhux magħruf żebagħ mal-ħitan tal-Knisja, ma' l-art fi Pjazza l-Vitorja u mal-ħajt tal-mastrudaxxa fi Pjazza Sant'Anton, l-ittri kbar "IRRIDUHA BAŻILIKA". Din kienet l-ewwel prova konkreta tax-xewqa kbira li kien hemm fil-qlub tax-Xagħrin li jaraw il-Knisja Parrokkjali tagħhom imżejna b'dan it-titlu hekk dinjituż. Għal tmien snin konsekuttivi, bejn l-1958 u l-1966, il-Festi esterni ta' Marija Bambina tħassru kollha b'sinjal ta' protesta ma' l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi, b'mod partikulari ma' l-E.T. Mons. Isqof Ġużeppi Pace li ma kienx qed jagħti widen għat-talba tal-poplu Xagħri. Nhar il-5 t'Ottubru 1958, waqt li kien qed jingħata bidu għall-purċissjoni tar-Rużarju, instemgħu murtali sparati r-Rabat, sinjal li l-Knisja ta' San Ġorġ kienet ġiet mgħollija għad-dinjita' ta' Bażilika. Dan żied l-għadab tax-Xagħrin. Fl-istess xahar, waqt il-festa ta' Kristu Sultan fl-inħawi tan-Nazzarenu, l-Arċipriet Mons. Mikielanġ Cauchi wassal lill-Isqof ittra mibgħuta mill-Kumitat tas-Soċjeta' Filarmonika *Victory* (li kienet qed tmexxi lill-poplu tax-Xagħra f'din il-kwistjoni) bit-talba għall-Bażilika. Din l-ittra ma ġietx aċċettata. Il-Banda, bi protesta, ma pparteċipatx fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Marzu 1959. F'Settembru, il-Kan. Ġużepp Zammit tela' Ruma biex jara f'hiex waslet il-petizzjoni tal-Kunsill Presbiterali. Huwa ġie lura fis-27 ta' Settembru bid-dokumenti kollha meħtieġa li però kienu jeħtieġu l-firma ta' l-Isqof. Sfortunatament, l-Isqof ma aċċettax li jiffirmahom.



Fl-1961, bdew jiġru xniegħat li l-Kolleġġjata tan-Nadur, il-parroċċa fejn l-Isqof ma kien qed imur għall-ebda funzjoni, kienet ser tingħata l-unur ta' Bażilika. Minn dan iżda jidher li ma kien hemm xejn. Bi protesta, il-Banda m'aċċettatx stedina biex tieħu sehem fil-Festi tal-Mitt Sena mit-Twaqqif tad-Djoċesi t'Għawdex li saru fl-1964. Din ix-xena baqgħet sejra sakemm fit-2 ta' Marzu xxandret l-aħbar li Dun Nikol Cauchi mill-Għarb, fl-eta' ta' 38 sena, kien ġie maħtur Isqof



Titulari ta' Vico d'Augusto u Isqof Awżiljaru *sede plena* ta' Mons. Isqof Ġużeppi Pace. Dan mill-ewwel beda jaħdem biex tinstab soluzzjoni għal din il-problema. Fuq talba ta' l-Isqof Cauchi, intbagħat Għawdex Delegat Apostoliku minn Ruma fil-persuna ta' Patri Ferdinandu Galea li għamel ħafna laqgħat mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna u mal-Kumitat tas-Soċjeta' Filarmonika *Victory*. Billi l-poplu kellu fiduċja kbira fl-Isqof il-Ġdid, bdew isiru l-arranġamenti għall-festi esterni tal-Bambina. Ġie anke ordnat salib li juri li l-Knisja hija Bażilika u anke twaħħlu żewġ anġli mal-frontispizju tal-Kolleġġjata li kellhom ikunu wieħed kull naħa tas-salib. Dan minkejja li ma kien hemm xejn konkret.

**Wasal il-jum memorabbli tad-29 t'Awissu, 1967**. Kien l-ewwel jum tan-Novena tal-Festa ta' Marija Bambina. L-Arċipriet Mons. Mikielanġ Cauchi kien fil-post tiegħu fil-Kor ikanta mal-Kleru t-talba tal-Kumpieta (it-talba ta' għeluq il-jum). Wasal il-Kanċillier ta' l-Isqof b'dokument mill-Kurja Djoċesana u għaddieh lill-Arċipriet fi tmiem it-talb. Kienu bosta dawk in-nies li daħlu jiġru wara l-Kanċillier hekk kif rawh dieħel fil-Knisja. L-Arċipriet ta daqqa t'għajn ħafifa lejn dik il-karta mitwija u qal: **"Ġiet! Ġiet il-Bażilika!"** L-istorja tgħidilna kif dak il-ħin, xegħlet ħeġġa kbira fuq wiċċ kulħadd. Min jissemma', min jikkummenta u min jiġri biex malajr jibdew iċ-ċelebrazzjonijiet. Ħafna kienu jistennew din l-aħbar u lestew slaleb bi tliet dirgħajn biex jinxtegħlu fuq il-bjut u l-qċaċet ta' l-arbli tal-bnadar. Il-qniepen tal-Bażilika l-ġdida daqqew moti ta' ferħ. Fis-*Sede* tas-Soċjeta' Filarmonika *Victory* kien hemm pandemonju sħiħ biex jibda l-marċ popolari li kellu jdur mal-Knisja u mal-pjazza. Innu miktub għall-okkażjoni kien diġà stampat u ħafna kienu diġà tgħallmu t-ton tiegħu. Fil-Knisja mimlija nies għan-Novena kien qed jitħejja l-kant tat-*Te Deum*. Il-Kanonċi tal-Kolleġġjata nġabru u wara li nqara d-digriet ta' l-għoti tal-Bażilika, flimkien ma' l-Arċipriet Mons. Mikielanġ Cauchi, kantaw it-*Te Deum* quddiem Ġesù Sagramentat espost għall-Barka Sagramentali.



L-għada filgħodu, il-qniepen daqqew mota ta' sagħtejn: mill-għaxra sa nofsinhar biex iħabbru t-titlu ta' Bażilika u beda jintrama dak kollu li seta' jintrama għall-festa tal-Vitorja. Dik is-sena, fil-purċissjoni tal-festa, ħarġu għall-ewwel darba l-Insinji tal-Bażilika li huma t-Tintinnablu u l-Umbrellun.

Il-baned kollha ta' Għawdex kienu daqqew fil-festa ta' dik is-sena. Ix-Xagħra għamlet laqgħa kbira lill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi li mexxa ċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali tal-festa. Sar *carcade* sa tal-Qaċċa u minn hemm sal-Knisja, il-Banda akkumpanjat lill-Isqof f'karozza miftuħa u miġbuda minn żewġ ħbula twal ħafna li ma wesgħux l-idejn tat-tfal, żgħażagħ u xjuħ fil-mixja tagħhom lejn il-Bażilika. Kien verament jixraq li ssir manifestazzjoni popolari lil dak li ħadem tabilħaqq u stinka minn kull angolu biex stajna nakkwistaw dan it-titlu li għadna u nibqgħu kburin bih.

Illum, 40 sena wara din il-ġrajja memorabbli, waqt li niftakru f'dak li għamlu missirijietna biex jgħollu l-ġieħ ta' raħalna, naħdmu biex 'il quddiem ma tonqos qatt fina l-ħeġġa li b'dak li nagħmlu, inkabbru ġieħ ix-Xagħra tagħna u nagħtu glorja lill-Patruna tagħna, Marija Bambina.

*F'dal-Jum Glorjuż għax-Xagħra*
*29 t'Awissu, 1967,*
*meta l-Maqdes imsemmi tagħha*
*iddedikat lil Marija Bambina*
*Reġina tal-Vittorji;*
*li gawda l-Arċipretura mis-sena 1893,*
*it-titlu ta' Kolleġġjata Insinji*
*mis-sena 1900*
*u l-Protonotarjat Apostoliku*
*mis-sena 1963*
*minn Ruma*
*fil-Papat ta' Pawlu VI*
*u*
*taħt it-tmexxija Pastorali*
*ta' l-Amministratur Apostoliku ta' Għawdex sede plena*
*Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, Ph.D., Lic.Sc.Soc.,*
*Isqof titulari ta' Vico di Augusto*
*ġie mżejjen sollennement*
*bit-Titlu għoli*
*ta' Bażilika*
*Il-Poplu tax-Xagħra,*
*mal-Kapitlu u l-Kleru*
*jifraħ u jiżżiħajr.*

